MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1463/2002/1

***Associated Supplies Limited***
***vs***
***Joseph Saliba***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm195) rappresentanti l-import ta' tlettax-il (13) kambjala skaduta u dovuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-22 ta' Frar 2002 u bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' April 2001 kontra l-konvenut.
Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Aquilina, rappresentant tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub

fl-Avviz ghadu dovut u pprezenta kopja tal-kambjali mertu tal-kawza.

Ra d-dokumenti esibiti konsistenti fil-kopja tal-kambjali mertu tal-kawza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin (Lm195), bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Awissu 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**